# Beati u Qaddisin...Novembru

**SANTA ELIZABBETTA TAT-TRINITA – soru karmelitana**
**1880-1906**
**9 TA' NOVEMBRU**




Elisabetta Catez twieldet gewwa Avor qrib Bourges fit-18 ta' Lulju 1880. Seba' snin wara tilfet lil missierha. Kienet tifla fuq ruhha u difficli tant li ohtha Margerita darba iddeskrivitha "bhala xitan zghir".

L-ewwel tqarbina taghha, fid-19 ta' April 1891 biddlitilha xi ftit l-atteggjament taghha ghalkemm il-karattru baqa' l-istess.

Aktar ma ghaddha zmien minn fuqha aktar bdiet tingabar fil-hajja tar-ruh permezz tat-talb. Tghallmet idoqq il-pjanuforte u ndunat li l-muzika setghet tkun forma tajba biex tiskopri lilha nnifsha u titlob.

Meta kellha 14 il-sena riedet li tkun ta' Kristu u l-ambizzjoni taghha kienet li tidhol soru karmelitana. Ommha armla li kienet tittama qliegh materjali mill-karriera muzikali taghha pprojbitilha li jkollha xi kuntatt ma' l-ordni tal-Karmelu u bdiet tipprezentaha lin-nies importanti, li pero' Elizabetta kienet tinjora.

Ghalkemm segwit l-ordni ta' ommha, ghamlitilha cara li ma biddlitx l-idea taghha u fl-ahhar fis-sena 1899 ommha cediet bil-kundizzzjoni li tistenna sal 21-sena. Elizabetta cediet u dawk is-sentejn ghaddiethom tghallem il-katekizmu lit-tfal tal-parrocca, tghin lill-foqra, barra li tattendi ghall-ballijiet u ceremonji ohra socjali kif riedet ommha li kienet tittama li bintha tbiddel il-fehma taghha.

Meta ghaddew is-sentejn Elizabetta dahlet fil-Karmelu fit-2 ta' Awwissu 1901 kollha tamiet ghall-futur. Sentejn wara hija mardet bil-marda ta' Addison, marda rari li dak iz-zmien ma kienx hemm kura ghaliha.

Elizabetta accettat din is-sitwazzjoni b'rassenjazzjoni kbira biex tikkonforma ruhha ma Kristu Kurcifiss. Hija marret ghal l-aghar u offriet ruhha bhala vittma lit-Trinita' li taghha kienet devota. Fuq talba tas-superjura taghha hija kitbet hsibijietha matul dan il-periodju ta' tbatija u mard.

Ghaddiet minn hafna tbatijiet, imma minkejja dan aktar ma kienet kbira s-sofferenza taghha, aktar kienet tikber fil-fidi rigward il-premju etern li hija kienet tittama li tirbah.

Fil-bidu ta' Novembru 1906 kien car li ma kienx fadallha hafna zmien x'tghix. Baqghet tilghabha mal-mewt ghal tmint ijiem shah sakemm fid-9 ta' Novembru hija mietet.

Kienet beatifikata minn Papa Gwann Pawlu II fil-festa ta' Kristu Re, 25 ta' Novembru 1984 u ddikjarata qaddisa mill-Papa Frangisku fis-16 ta' Ottubru 2016.